MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1896/2001/1

**Philip Camilleri.**

**-vs-**

**Gollcher Company Limited u Malta Maritime Authority.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-17 ta’ Diċembru, 2001 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien ġie inkarigat mill-konvenuti jew min minnhom sabiex, fost xogħol ieħor, jħott u/jew jgħabbi *containers* jew *trailers* għal fuq jew minn fuq il-vapur “Lince” li tagħhom il-konvenuti Gollcher Company Limited huma l-aġenti f’Xatt il-Kurċifiss;

Illi nhar it-3 ta' April, 2000, l-attur kellu inċident fejn weġġa' fuq il-lant tax-xogħol;

Illi dan l-inċident seħħ minħabba negliġenza u traskuraġni da parti taż-żewġ entitajiet konvenuti jew min minnhom;

Illi b'riżultat ta' dan l-inċident, l-attur ġarrab disabilita' u danni permanenti li jistgħu jiġu ppruvati fil-kawża;

Illi għalkemm debitament interpellati diversi drabi sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni nġenti li ġew sofferti mill-attur, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Għalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għall-inċident illi seħħ nhar it-3 ta' April, 2000 waqt li l-attur kien qiegħed jagħmel xogħol fuq il-vapur "Lince" f'Xatt il-Kurcifiss, b'riżultat ta' liema l-attur weġġa' u sofra danni permanenti u dan minħabba negliġenza u traskuraġni da parti tal-konvenuti jew min minnhom;

2. tillikwida d-danni kkaġunati lill-attur f'somma li tista' tiġi likwidata okkorrendo bl-operat ta' periti u esperti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-istess attur s-somma hekk likwidata u dikjarata bħala dovuta minnhom in linea ta' danni kif fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti jew min minnhom, li huma minn issa nġunti sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta Gollcher Company Limited ippreżentata fis-6 ta' Frar, 2002 li permezz tagħha eċċepiet:

Illi t-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tagħha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż billi m'huwiex minnu illi huma responsabbli għall-inċident in kwistjoni jew li kienu negliġenti jew traskurati fil-konfront tal-attur.

Illi l-fatt li l-eċċippjenti jaġixxu bħala aġenti tal-vapur "Lince" ma jirrendihomx responsabbli għall-inċident de quo u lanqas jista' jingħad illi nħoloq rapport dirett bejn is-soċjeta' eċċippjenti u l-istess attur meta huwa ġie inkarigat jagħmel xi xogħol abbord l-imsemmi bastiment.

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, kwalunkwe responsabilita' u danni konsegwenzjali li jistgħu jiġu attribuiti lill-eċċippjenti għall-inċident in kwistjoni għandhom jiġu kwantifikati u limitati a tenur ta' l-artikli 347 et seq tal-234 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' konvenuta maħlufa minn Michael Chetcuti Bonavita, I.D 178048(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-Awtorita' Marittima ta' Malta debitament notifikata ma ppreżentatx nota ta' l-eċċezzjonijiet u ghalhekk baqgħet kontumaċji.

Rat l-atti proċesswali.

Rat ir-rapport tal-perit mediku l-kirurgu Charles Sciberras.

Rat is-sentenza tagħha tat-13 ta' Ġunju, 2005 li permezz tagħha din il-Qorti ddeċidiet dwar ir-responsabilita' ta' l-inċident billi sabet lill-konvenuti responsabbli għal terz kull wieħed għall-inċident.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell mogħtija fis-26 ta' Mejju, 2006 li permezz tagħha laqgħet l-appell tas-soċjeta' konvenuta u għalhekk ċaħdet it-talba attriċi fil-konfront tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2006 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob danni li sofra wara inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol tiegħu mas-soċjeta' konvenuta. Kif gia' ingħad il-Qorti kienet laqgħet it-talba billi sabet lill-konvenuti responsabbli għal terz kull wieħed u l-attur stess għar-rimanenti terz iżda l-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta. Għalhekk issa l-Qorti trid tillikwida d-danni fil-konfront ta' l-Awtorita' konvenuta.

L-attur kellu ħamsin (50) sena meta ġara l-inċident u miċ-ċertifikat rilaxxat mill-kirurgu Charles Sciberras għandu disabilita' permanenti ta' sitta fil-mija (fol 25). Mid-dokumenti esebiti (Dok. "SC1") jidher li huwa jaqla' ċirka tmintax-il elf Lira Maltin (Lm18,000) fis-sena. L-attur isostni (u dan hu konfermat mill-istess dokument) li qabel l-inċident kien qed jaqla' iktar (ċirka wieħed u għoxrin elf Lira Maltin <Lm21,000>) u allura jidher illi qed jitlob li jiġi kompensat għal dan. Din il-Qorti kif preseduta ġia' iddeċidiet ta' l-inqas f'żewġ okkażjonijet riċenti (Portelli vs Scerri deċiża fil-15 ta' Diċembru, 2006) u Caruana vs Cauchi deċiża fid-29 ta' Jannar, 2007) illi ladarba hija se tkun qed takkorda danni għal disabilita', jekk tikkompensa lill-attur għal dan ukoll tkun qed takkorda d-danni darbtejn u dan naturalment ma jistax isir. Minħabba d-dħul pjuttost għoli ta' l-attur se tnaqqas l-ammont għal ħmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000) għaliex l-ammont indikat mill-attur fid-dokumenti imsemmija huwa wieħed gross u għalhekk fiċ-ċirkostanzi wieħed irid jieħu kont tat-taxxa li tkun trid titħallas. Il-Qorti għalhekk m'hijiex se tnaqqas l-ammont reali tat-taxxi li tkun trid titħallas għaliex wieħed irid ukoll jieħu kont ta' l-inflazzjoni. Għalhekk bħala *lucrum cessans* se takkorda lill-attur danni a bażi ta' sitta fil-mija ta'

ħmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000) fuq perjodu ta' għaxar (10) snin billi l-attur kellu ħamsin (50) sena kif ingħad. Dan jammonta għal disat elef Lira Maltin (Lm9,000); billi l-awtorita' konvenuta kienet responsabbli għal terz ta' l-akkadut għalhekk l-ammont pagabbli jkun tlett elef Lira Maltin (Lm3,000).

L-attur tilef ukoll xahrejn xogħol minħabba l-inċident u għal dan għandu jiġu ukoll kompensat. Skond id-dokument a fol 30 huwa tħallas ċirka tmintax-il elf Lira Maltin (Lm18,000) *gross* inqas minn ħaddieħor minħabba l-inċident; dan ifisser ċirka tnax-il elf Lira Maltin (Lm12,000) *net*; terz ta' dan hu erbat elef Lira Maltin (Lm4,000). Minn dan se il-Qorti se tnaqqas elf Lira Maltin (Lm1,000) għaliex għalkemm l-attur ma setax jaħdimhom il-fatt jibqa' li se jitħallas ta' *general duties* bħala ħaddiem il-port li fil-fatt huwa ma għamilx. Għalhekk se takkorda tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) oħra. Mhux se jkun hemm tnaqqis għal ħlas f'daqqa minħabba li l-kawża ilha għaddejja kważi sitt snin.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi fis-sens li tikkundanna lill-Awtorita' Marittima tħallas lill-attur is-somma ta' sitt elef Lira Maltin <Lm6,000>). L-ispejjeż tal-kawża, hlief dawk ġja' deċiżi jitħallsu kwantu għal żewġ terzi mill-attur u terz mill-istess Aworita' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------